

## Anniversarji 2018

Tagħrif miġbur minn Keith Muscat

Dan li jsegwi huwa xi tagħrif, fil-qosor, fuq ġrajjiet li jolqtu lil San Pawl il-Baħar, lill-Parroċċa jew lis-Soċjeta' Mużikali San Pawl b'mod partikulari. Il-ġrajjiet li nagħżel ikollhom relevanza peress li jkun jaħbat l-anniversarju tagħhom matul is-sena rikorrenti, jiġifieri 2018. Ħafna jaħsbu li San Pawl il-Baħar tfaċċa fuq il-mappa fis-Seklu Tmintax, pero il-fdalijiet arkaeoloġiċi jixdhu mod ieħor. L'inħawwi ilhom abitati għal madwar sebat' elef sena u għalkemm l-inħawwi tat-tramuntana ta' Malta għamlu mijjiet ta' snin mhux popolati minħabba fil-biża' ta' attakki mill-furbani, il-bajja ta' San Pawl baqgħet toffri kenn li kull min kien jinħtieġu. Ġrajja wara l-oħra nbniet l-istorja ta' dan ir-raħal u l-inħawwi tiegħu. Għandna nħarsu lejn dawn l-avvenimenti mhux biss b'nostialġijja għall-passat, iżda biex napprezzaw aktar min aħna fid-dawl ta' dak li ffurmana.

**325 sena ilu....**

Nhar is-17 ta' April 1693 saret purċissjoni ġenerali mill-kleru u l-poplu b'ringrazzjament lil Alla għall-ħelsien mit-terrimot li seħħ fil-11 ta' Jannar 1693. Dan it-terremot li seħħ fi Sqallija ħalla ħsarat kbar, b'mod partikolari fil-belt ta' Catania fejn mietu eluf ta' nies. F'Malta, għalkemm it-terremot ikkawża ħafna ħsarat fil-bini, ma kienx hemm imwiet. Din il-purċissjoni ntemment b'quddiesa fis-Santwarju tal-Ħuġġieġa f'San Pawl il-Baħar.

**275 sena ilu......**

Waħda mis-sistemi għad-difiża tal-kosta utilizzati fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann kienet il-fugass (*fougasse*) – bus imħaffer fil-blat. Biex nispjega b'mod sempliċi, din kienet tkun forma ta' lembut imdaqqs imħaffer fil-blat tal-kosta (bil-bokka ikolla dijamemetru ta' madwar żewġ metri, liema ħofra tibqa tidjieq għal wisa' ta' madwar metru u nofs; il-fond kien ikun ta madwar erba' metri u nofs). Fil-qieħ tal-fugass kien jitġoġġa l-porvli u fuqu kienu jitqegħdu ammont kbir ta' ġebel imdaqqas. Il-ħsieb kien li dawn jiġu sparati lejn il-biċċiet tal-baħar tal-għadu li jkunu qed jippruvaw jersqu lejn l-art. Hawn bosta minnhom imxerrdin madwar Malta u Għawdex. Dak li jinstab il-Qawra tħaffer fl-1743. (*Għal aktar tagħrif aqra l-artiklu ta' Dr Stepehn C Spiteri – The Fougasses fuq is-sit elettroniku https://vassallohistory.wordpress.com/the-fougasses/*)

**225 sena ilu......**

F'intervista mas-Sur Toni Fenech (1904-1976), li ġiet ippubblikata fis-Sunday Times of Malta tad-19 ta' Awissu 1956, huwa jirrakkonta kif familja Taljana bil-kunjom Veccia kienet bniet razzett għat-trobbija tad-dud tal-ħarir u l-produzzjoni tal-għasel. Dan ir-razzett

kien inbena fl-**1793**. Aktar tard fiż-żmien, fl-1941, is-Sur Fenech kien trasforma din il-binja fi tverna. Il-kunjom ta' din il-familja Taljana sar l-isem li bih huma magħrufa l-inħawwi. Din il-binja, li baqgħet isservi ta' stabbiliment tal-ikel, twaqqgħet fl-2013 biex tagħmel wisa' għall-żvilupp li sar fl-inħawwi.



*Il-Veċċia*

**150 sena ilu......**

Nhar it-22 ta' April 1868 il-Kanonku Dun Feliċ Cutajar, Delegat tal-Vigarju Ġenerali, bierek u fetaħ mill-ġdid il-knisja ddedikata lil San Xmun Appostlu fil-Wardija.

**100 sena ilu.....**

Nhar is-17 ta' Diċembru 1918, Fortunato Mizzi u Emanuel Camilleri rregalaw l-ewwel stellarju tal-vara devota' ta' Marija Addollorata li hija meqjuma fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

**75 sena ilu.......**

F'Ġunju tal-1943 f'San Pawl il-Baħar u l-inħawwi tiegħu kien hemm preżenza qawwija tas-suldati tal-8th Army (Renju Unit). Dan kien parti mit-tħejjija għall-invażjoni ta' Sqallija. F'din l-operazzjoni, msejjħa Operation Husky, ħafna suldati ħallew gżiritna, fosthom mill-port ta' San Pawl il-Baħar, biex taw bidu għall-proċess li wassal biex l-Italja ċediet f'Settembru tal-1943. Wara l-armistizju, parti mill-flotta Taljana ankrat fil-port ta' San Pawl il-Baħar.



Fit-28 ta' Lulju 1943, propju lejliet il-festa titulari ta' dik is-sena, waqt attakk mill-ajru minn ajruplani tal-gwerra Ġermaniżi, ntefgħu ħames bombi li waħda minnhom splodiet fuq skoll fil-baħar. Ħadd ma' weġġa f'dan l-inċident u l-għada saret il-purċissjoni xorta waħda.

**50 sena ilu....**

Nhar il-11 ta' Awissu 1968 tqegħdet l-ewwel ġebla tal-proġett tat-tkabbir tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar. Ix-xogħol sar fuq pjanta tal-Perit Louis Naudi. Il-parrinijiet fiċ-ċeremonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla kienu l-Baruni Ġilormu De Piro u l-Avukat Joseph Attard Montalto. Ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni tal-imgħallem Gużeppi Gatt mill-Mosta.

Fl-1968 Patri Serafin Galea inħatar bħala Kappillan u Gwardjan warra li temmew il-ħidma tagħmon Patri Bonaventura Camilleri (bħala Kappillan) u Patri Tumas Moore (bħala Gwardjan), rispettivament.

**25 sena ilu......**

Nhar il-21 ta' Frar 1993 tqegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida ta' San Ġużepp Ħaddiem, li l-Patrijiet Kapuċċini għandhom fuq l-għolja tax-Xemxija. Il-knisja li kien hemm qabilha kellha tinħatt minħabba ħsarat strutturali.



*Il-Knisja tal-Kapuċċini, fix-Xemxija*

Nhar id-29 ta' Awissu 1993, il-Ministru Provinċjal tal-Ordni Franġiskan, Patri Alfred Calleja, bierek u ppresjieda fuq iċ-ċeremonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja ta' San Franġisk ta' Assisi fil-Qawra. Il-pjanta ta' din il-knisja, li aktar tard saret parroċċa, hija xogħol tal-Perit Richard England.



*Knisja Parrokjali tal-Qawra*

Nhar l-20 ta' Novembru 1993 f'San Pawl il-Baħar saru għall-ewwel darba l-elezzjonijiet għall-Kunsill Lokali. Nhar l-4 ta' Diċembru 1993, waqt l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali, Dr Michael Gonzi inħatar bħala l-ewwel Sindku tal-lokalita'.



*L-istemma tal-lokalita'*

SCREEN®
PROFESSIONAL HAIR SALON
RAMONA FARRUGIA
T: 27500375 M: 99849572